**Ezami għall-*Warrant* ta' Avukat**

**(Parti bil-miktub)**

**It-Tnejn, 17 ta' Marzu 2008**

**(It-tweġibiet iridu jkunu kollha bil-Malti. Sakemm ma jkunx indikat xort'oħra fil-każ ta' persuna bi bżonnijiet speċjali, il-ħin massimu biex wieħed iwieġeb kemm għal parti A kif ukoll għal parti B hu ta' tliet sigħat.)**

**<u>Parti A</u>**

Irrispondi <u>tlieta</u> biss minn dawn li ġejjin billi tabbozza:

1. (a) Rikors fil-qorti kompetenti għall-ftuħ ta' testment sigriet, <u>u</u> (b) rikors fil-Qorti ta' l-Appell sabiex il-klient tiegħek li qed jappella jiġi ammess għal-benefiċċju tal-garanzija bil-ġurament flok ma jħallas il-kawtela.

2. Rikors, f'kawża ta' libell quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, għar-riappuntament tal-kawża għas-smiegħ fuq l-istess atti - il-kwerelat kien ġie illiberat għax il-klient tiegħek, għalkemm debitament notifikat bid-data tas-smigħ tal-kawża, naqas li jidher għall-ewwel udjenza, u l-kwerelat talab li jiġi illiberat.

3. Rikors f'isem il-klient tiegħek sabiex digriet tal-Pontefiċi Ruman *super matrimonio rato et non consummato* jiġi reġistrat għall-finijiet u effetti kollha ċivili mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku.

4. L-atti meħtieġa sabiex tinbeda kawża ta' jattanza - f'dan il-każ il-klient tiegħek, AB, irċieva protest ġudizzjarju mingħand CD li fih l-imsemmi CD qed jippretendi li għandu dritt ta' passaġġ bir-riġel minn fuq l-għalqa proprjeta` tal-klient tiegħek.

5. Rikors fil-qorti kompetenti sabiex jinstemgħu xhieda tad-difiża qabel ma dawn iħallu Malta - il-klient tiegħek, AB, jinsab taħt att ta' akkuża, diġa` preżentat quddiem il-Qorti Kriminali, fuq akkużi ta' korruzzjoni ta' minorenni, serq kwalifikat bil-valur, mezz u ħin u, bħala kap alternattiv għal dak ta' serq, riċettazzjoni.

6. Rikors fil-qorti kompetenti ghar-revoka, f'kollox jew f'parti minnu, ta' mandat ta' sekwestru. Il-klient tieghek, CD, huwa l-konvenut f'kawza ta' separazzjoni personali u l-attrici, AD, kisbet il-hrug ta' mandat ta' sekwestru fis-somma ta' disgha u sittin elf Ewro in kawtela tal-pretensjonijiet taghha ghas-sehem taghha mill-komunjoni ta' l-akkwisti.

**Parti B**

Irrispondi mistoqsija <u>wahda</u> biss minn dawn li gejjin:

1. Inti gejt inkarigat mill-Qorti Kriminali biex tiddefendi ragel akkuzat li kkorrompa, permezz ta' flus, ufficjal pubbliku biex dan johrog licenzja tas-sewqan bla ma l-klient tieghek ikun ghamel l-ezami mehtieg. Fl-ewwel inkontru mal-klient tieghek huwa jammetti mieghek li xahham lil dan l-ufficjal pubbliku pero` jghidlek ukoll li ma jridx jammetti l-akkuza u li bi hsiebu jitla' jixhed u jghid li kien l-ufficjal pubbliku li pproponielu l-ghoti ta' flus u li hu (il-klient tieghek) kien irrifjuta li jkollu x'jaqsam f'bicca xoghol bhal din. Kif ghandek iggib ruhhek bhala avukat, kemm qabel il-guri kif ukoll waqt il-guri, fir-rigward tal-klient u ta' dak li qallek li jrid jaghmel, kif ukoll fir-rigward tal-ufficjal pubbliku li nghata l-proklama biex ikun jista' jixhed? U b'mod partikolari fisser il-linja jew linji difensjonali li tkun etikament gustifikat li tipproponi.

2. AB jinfurmak li huwa ghandu kawza pendenti quddiem il-Qorti ta' l-Appell fejn qed jigi patrocinat mill-avukat XY. Huwa jallega li XY mhux biss mhux qed ihares sew l-interessi tieghu izda li sahansitra dawwar bi profitt ghalih somma ta' flus li l-istess AB kien fdalu biex jghaddiha lil terza persuna. AB jixtieqek tibda tippatrocinah u jrid ukoll li jittiehdu passi kontra XY. Fisser il-passi li inti ghandek tiehu f'dan il-kaz skond l-etika professjonali.

3. Iddiskuti l-kuncett ta' "touting" kif ittrattat fil-Kodici ta' Ligijiet tal-Pulizija.